**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa Numru Tlieta u Tletin (33)**

**18 ta' Diċembru 2017**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra Għawdex, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joe Cordina – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Dr. Christian Zammit – Kunsillier
Dr. Kevin Cutajar – Kunsillier
Anthony Attard - Kunsillier

Sarah Galea – Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Joe Cordina ippresieda l-laqgħa. Fil-bidu tal-laqgħa, is-Sindku ta merħba lis-Sinjorina Sarah Galea li bdiet isservi fil-kariga ta' ambaxxatriċi lokali taż-żgħażagħ b'effett mill-1 ta' Diċembru 2017.

**33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

33.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**33.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

33.2.1 Il-Kunsill approva bi tliet voti favur u tnejn kontra l-minuti tal-laqgħa numru 343 li saret nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru 2017 wara li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa.

Is-Sindku Joe Cordina propona u l-Kunsill qabel li għandha tinbidel l-ordni tal-aġenda tal-laqgħa b'tali mod li *item* numru 33.6 tiġi diskussa issa.

**33.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

33.6.1 Il-Viċi Sindku Aaron Agius staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq ix-xogħol tat-tneħħija tal-*wires* tad-dawl minn mal-faċċati tar-residenzi ta' Pjazza l-Vitorja. Is-Sindku Joe Cordina wieġeb li d-dokument tat-*tender* għal dan ix-xogħol ġie preparat u ser jiġi ippubblikat wara l-festi tal-Milied.

33.6.2 Il-Kunsillier Dr. Christian Zammit staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq it-talba li għamilna lill-Ministeru għal Għawdex rigward il-ħtieġa urġenti li jsir ix-xogħol ta' asfaltar neċessarju ta' Triq Għajn Ħosna. Is-Sindku Joe Cordina qal li ninsabu għaddejjin b'diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex sabiex naraw il-possibilita' li dan ix-xogħol isir b'finanzjament mill-Gven Ċentrali.

33.6.3 Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq it-talba li għamilna lill-Ministeru għal Għawdex sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-latrini pubbliċi tal-lokalita' tagħna. Is-Sindku Joe Cordina wieġeb li irċivejna korrispondenza mingħand il-Ministru Justyne Caruana li

fiha infurmatna li attwalment qed isir *audit* tal-latrini pubbliċi kollha ta' Għawdex u x-xogħlijiet ser jiġu skedati skont l-eżitu ta' dan ir-rapport.

33.6.4 Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill li jiġi ikkummissjonat rapport li jipproponi soluzzjonijiet għall-problema tal-immaniġġjar tat-traffiku fi Pjazza l-Vitorja u ż-żona tal-madwar. Is-Sindku Joe Cordina qal li r-rapport li kien sar mill-Perit Chris Cachia fis-sena 2004 ma nstabx u għaldaqstant tlabna lis-Sur Cachia sabiex jibagħtilna kopja oħra tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu talab lill-istess Perit sabiex jagħtina stima dwar kemm jiġi jiswa x-xogħol ta' reviżjoni u aġġornament tal-istess rapport.

33.6.5 Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-proposta tiegħu li nimportaw madwar ħames mitt siġra tat-tin biex jitqassmu lir-residenti bħala parti mill-festival tat-tin u prodotti tipiċi Maltin. Is-Sindku Joe Cordina wieġeb li ser nikkuntattjaw lis-Sur Michele Cordari, Kunsillier responsabbli mill-Agrikultura fil-Kunsill ta' San Michele Salentino, u lis-Sur Vincenzo Menna biex naraw kif l-aħjar li nipproċedu f'dan ir-rigward.

33.6.6 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq ix-xogħol ta' installazzjoni ta' *bollards* sabiex jipproteġu t-taraġ taz-zuntier tal-Knsja Bażilika ta' Marija Bambina. Is-Sindku Joe Cordina wieġeb li inkarigajna lill-Perita Mariella Xuereb sabiex tagħmel kuntatt mal-Arċipriet tal-Parroċċa biex naraw kif l-aħjar li nipproċedu f'dan ir-rigward.

33.6.7 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill li tintalab stima mingħand inġinier għal xogħol ta' bdil ta' dawl mal-koppla tal-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina. Is-Sindku Joe Cordina wieġeb li l-Inġinier Mario Galea għandu jiltaqa' mal-Arċipriet tal-Parroċċa sabiex issir *lighting simulation* fuq il-koppla.

33.6.8 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill li jerġgħu jinżebgħu l-*parking bays* fi Pjazza l-Vitorja. Is-Sindku Joe Cordina wieġeb li rċivejna korrispondenza mingħand is-Sur Lorry Apap, Assistent Direttur fil-Ministeru għal Għawdex, li fiha nfurmana li dan ix-xogħol ser isir wara li l-Ministru tkun iltaqgħet mal-

*istakeholders* kollha involuti biex tiddiskuti magħhom il-problema tal-immaniġġjar tat-traffiku fi Pjazza l-Vitorja.

33.6.9 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq l-ittri li kellna nibagħtu lis-sidien tan-negozji tal-Pjazza sabiex ineħħu l-imwejjed u s-siġġijiet tagħhom meta huma jkunu magħluqin. Is-Sindku wieġeb li dawn l-ittri ntbagħtu pero' jonqos li jsir l-infurzar neċessarju min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti.

**33.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-lokalita'**

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-lokalita' li saret nhar il-Ħadd 17 ta' Diċembru 2017 wara li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa.

**33.4 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji Annwali (*budget*) għas-sena 2018**

Il-Kunsill approva bi tliet voti favur u tnejn kontra l-estimi finanzjarji annwali (*budget)* għas-sena 2018. Dan id-dokument ser jintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**33.5 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

33.5.1 Is-Sindku Joe Cordina informa lill-Kunsill li sad-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-offerti għall-kiri u installazzjoni ta' tiżjin tal-Milied għal Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Pjazza l-Vitorja (il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017 fl-10.00am), kien hemm kumpanija waħda li tefgħet l-offerta tagħha kif ġej:

| **Isem tal-kumpanija** | **Ammont (VAT eskluża)** |
|---|---|
| | |
| D Illumination Limited | € 3898.00c |

Is-Sindku Joe Cordina propona li għandna nimxu mar-rakkomandazzjoni tal-bord ta' aġġudikazzjoni li twaqqaf sabiex jevalwa din il-kwotazzjoni u nagħtuha lill-kumpanija D Illumination Limited li kellha l-irħas offerta li kienet *administratively* u *technically compliant*.

Minħabba li ma kienx hemm qbil dwar din il-proposta, ittieħed vot. Bi tliet voti favur u tnejn kontra, il-proposta tas-Sindku ġiet approvata.

Il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista qalu li qed jivvutaw kontra minħabba li dan il-kuntratt kien diġa' ġie esegwit. Is-Sindku Joe Cordina qal li l-kuntrattur in kwistjoni għadu ma ngħatax il-*letter of acceptance* min-naħa tal-Kunsill u għaldaqstant ix-xogħol li għamel sal-lum sar kollu b'riskju tiegħu.

33.5.2 Is-Sindku Joe Cordina informa lill-Kunsill li sad-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-offerti għas-servizz tal-bexx tas-siġar tal-palm fil-lokalita' tagħna (it-Tnejn 13 ta' Novembru 2017 fl-10.00am), kien hemm dawn il-kumpaniji li tefgħu l-offerti tagħhom kif ġej:

| **Isem tal-kumpanija** | **Ammont (VAT eskluża)** |
|---|---|
| | |
| Xerri's Landcaping Co. Limited | € 5760.00c |
| Environmental Landscaping and Consortium Limited | € 7200.00c |

Is-Sindku Joe Cordina propona li għandna nimxu mar-rakkomandazzjoni tal-bord ta' aġġudikazzjoni li twaqqaf sabiex jevalwa din l-offerta pubblika u nagħtuha lill-kumpanija Xerri's Landscaping Co. Limited li kellha l-irħas offerta li kienet *administratively* u *technically compliant*.

Minħabba li ma kienx hemm qbil dwar din il-proposta, ittieħed vot. Bi tliet voti favur u tnejn kontra, il-proposta tas-Sindku ġiet approvata.

33.5.3 Is-Sindku Joe Cordina informa lill-Kunsill li sad-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-offerti għax-xiri ta' pajpijiet għal *culvert* fi Triq Kortoll (it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017 fl-10.00am), kien hemm dawn il-kumpaniji li tefgħu l-offerti tagħhom kif ġej:

| **Isem tal-kumpanija** | **Ammont (VAT eskluża)** |
|---|---|
| | |

| | |
|---|---|
| General Plastics (Sales) Limited | € 3240.00c |
| Silvio Buhagiar | € 3900.00c |
| New Steel S.R.L. | € 3168.00c |

Is-Sindku Joe Cordina informa lill-Kunsill li d-deċiżjoni dwar din l-offerta għandha tittieħed fil-laqgħa li jmiss peress li l-bord ta' aġġudikazzjoni li twaqqaf fil-laqgħa li għaddiet biex jevalwa dawn l-offerti kellu jiltaqa' llum pero' ma ltaqax minħabba li wieħed mill-membri ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar qal li mhux ġust li s-Sindku jimxi mod ma' xi membri u mod ieħor ma' membri oħrajn inkluż il-membri tal-Oppożizzjoni.

33.5.4 Is-Sindku Joe Cordina informa lill-Kunsill li ninsabu għaddejjin bl-aħħar preparamenti tagħna għall-organizazzjoni tal-Kunċert annwali tal-Milied bit-tema 'Sing Nöel', liema Kunċert ser isir nhar il-Ħamis 28 ta' Diċembru 2017 fis-7.00pm fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina. Huwa qal li matul din il-ġimgħa ser jitqassmu l-inviti lill-mistednin u jsiru l-aħħar preparamenti loġistiċi fil-Knisja Bażilika.

33.5.5 Is-Sindku Joe Cordina propona u l-Kunsill qabel li għandna nwaqqfu sotto-kumitat li jgħin fl-organizazzjoni tal-attivitajiet tal-Karnival fil-lokalita' tagħna nhar is-Sibt 10 u l-Ħadd 11 ta' Frar 2018.

Il-Kunsill qabel li dan is-sotto-kumitat għandu jkun iffurmat minn Noel Teuma bħala rappreżentant tal-Fondazzjoni Kumittiva, is-Sur Joseph Bajada bħala Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika *Victory*, is-Sur Christian Xerri bħala rappreżentant taż-żgħażagħ u DJ lokali u nies oħrajn mil-lokalita' tagħna li huma interessati li jgħinu fl-organizazzjoni ta' din l-attivita'.

33.5.6 Is-Sindku Joe Cordina informa lill-Kunsill li bdejna bil-preparamenti tagħna għall-organizazzjoni tal-festival tat-tin u prodotti tipiċi Maltin li ser isir nhar is-Sibt 30 ta' Ġunju u l-Ħadd 1 ta' Lulju 2018. Huwa qal li għadna qed nistennew stima mingħand is-Sur Carl Carlton li ser ikun responsabbli

mill-organizazzjoni tal-Kunċert fil-pjazza sabiex tkun tista' ssir talba formali għall-fondi biex tiġi iffinanzjata din l-attivita'.

33.5.7 Is-Sindku Joe Cordina informa lill-Kunsill li għandna nibdew inħejju l-pjanti sabiex isir xogħol ta' tisbieħ fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja ta' Ġesu' Nazzarenu. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri għal dan ix-xogħol.

**33.7 Qari tal-Korrispondenza**

33.7.1 Ittra mingħand l-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo li fiha qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar xi ilmenti li qed isiru mill-ġenituri tat-tfal li jattendu fil-Qasam tal-Mużew tal-Bniet. L-Arċipriet qed jissuġġerixxi li (a) jkun hemm gwardjan preżenti jew li (b) Triq Jannar issir *one way* min-naħa t'isfel nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa bejn il-5.00pm u s-7.00pm. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li nġibu l-awtorizazzjoni ta' Transport Malta rigward is-suġġeriment (b) u f'każ li tingħata din l-awtorizazzjoni, nagħmluha bi prova għal xahar.

33.7.2 Ċirkulari numru 36/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Reġjuni u s-Sindki'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.3 Ċirkulari numru 104/2017 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'EDIC Newsletter, The Europe Prize'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.4 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jistieden rappreżentanza mill-Kunsill sabiex tattendi għal sessjoni informattiva dwar il-programm 'Europe for Citizens' li saret nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2017 f'Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.5 Ċirkulari numru 37/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Konsultazzjoni tal-*ERA* mal-Imsieħba Soċjali dwar applikazzjonijiet għal żvilupp / xogħol fuq siti ta' kostruzzjoni'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.6 Ittra mingħand il-Kan. Dun Mikiel Borg, Rettur tal-Knisja ta' San Pawl f'Marsalforn, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni tal-festa titulari ta' San Pawl f'Marsalforn, liema festa ser tiġi iċċelebrata nhar il-Ħadd 28 ta' Jannar 2018. Is-Sindku Joe Cordina propona u l-Kunsill qabel li għandna nikkollaboraw fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 800.

33.7.7 E-mail mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha din l-Assoċjazzjoni qed tirrakkomanda lill-Kunsilli sabiex iħallsu l-multi li ġew mogħtija mill-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-post tax-xogħol u sabiex jiġi nominat persuna minn kull Kunsill Lokali sabiex tattendi għal kors dwar 'risk assessment'. Il-Kunsill qabel li dan ir-rappreżentant għandu jkun is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard jew l-iskrivana Manolita Farrugia.

33.7.8 E-mail mingħand Marion Schembri, rappreżentanta tal-*Gozo Recycling*, b'informazzjoni dwar l-iskeda ta' ġbir ta' skart fi żmien il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li din l-informazzjoni diġa' ġiet imqassma lir-residenti kollha tax-Xagħra għall-attenzjoni tagħhom.

33.7.9 Ċirkulari numru 105/2017 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Kunċert ta' Mużika b'risq id-Dar tal-Providenza imtella' minn St. Paul's Chamber Ensemble Orchestra'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.10 E-mail mingħand Giles Summerhays li fiha qed iġġedded it-talba tagħha sabiex jitwaħħal bank fi Pjazza l-Vitorja jew fil-belvedere ta' Triq il-Knisja b'tifkira ta' ommha li kienet residenti x-Xagħra. Is-Sindku Joe Cordina propona u l-Kunsill qabel li dan il-bank għandu jitwaħħal quddiem iċ-ċimiterju l-antik (iħares lejn ir-Rabat).

33.7.11 Ċirkulari numru 106/2017 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Kampanja Suq bil-Għaqal'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.12 Ċirkulari numru 107/2017 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'EDIC Newsletter, Food waste Management, Organic and Nutrition Seminar'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.13 E-mail mingħand Mary Mercieca, rappreżentanta tal-kumpanija *Wasteserv*, li fiha qed tinforma lill-Kunsill li din il-kumpanija ser toffri boroż għall-iskart organiku b'xejn biex jitqassmu lir-residenti kollha tax-Xagħra matul it-tieni jew it-tielet ġimgħa ta' Jannar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.14 E-mail mingħand Yana Spiteri, Segretarja tal-kumpanija LESA, li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali b'kampanja ta' edukazzjoni li għaddejja fil-preżent bil-għan li titqajjem kuxjenza dwar aktar sigurta' fit-toroq Maltin. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.15 E-mail mingħand l-inġinier Mario Galea li fiha qed jissuġġerixxi lill-Kunsill sabiex issir *lighting simulation* fuq il-koppla tal-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina biex hekk l-Arċipriet ikun jista' jara kif ser ikun l-effett ta' bdil u niddeċiedu jekk hemmx bżonn li nżidu d-dawl. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.16 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex iġedded il-ħatra tas-Sinjorina Manolita Farrugia bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Is-Sindku Joe Cordina propona u l-Kunsill qabel li din il-ħatra għandha tiġi mġedda.

33.7.17 E-mail mingħand Victor Agius għan-nom tal-Għaqda 'Il-Milied fix-Xagħra' li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-organizazzjoni tas-seminar annwali dwar il-bini tal-presepju u attivitajiet oħra relatati ma' Żmien il-Milied fil-lokalita' tagħna. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nikkollaboraw fl-organizazzjoni ta' dawn l-attivitajiet bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 500.

33.7.18 Petizzjoni iffirmata minn numru ta' ġenituri ta' tfal li jattendu l-iskola primarja Patri Mattew Sultana li fiha qed jissuġġerixxu lill-Kunsill Lokali sabiex jibda jorganizza servizz b'xejn ta' trasport lejn l-iskola primarja minn diversi żoni madwar ix-Xagħra. Wara diskussjoni, is-Sindku Joe Cordina propona u l-Kunsill qabel li għandna nagħmlu talba lis-Surmast tal-Iskola Primarja tax-Xagħra, is-Sur Joe Xerri, sabiex naraw il-possibilita' li dan is-servizz ikun provdut min-naħa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

**33.8 Ilmenti mir-residenti**

33.8.1 Talba mingħand Emmanuel Portelli ta' 'Sundawn', Triq Ġnien Imrik, sabiex jingħata s-siment f'passaġġ li minn Triq Sruġ iwassal sal-inħawi ta' Għajn Xejba. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lis-Sur Salvu Bonello sabiex jagħtina stima għal dan ix-xogħol qabel ma tittieħed deċiżjoni dwaru.

33.8.2 Talba mingħand Josephine Borg ta' 41, Sqaq fi Triq 28 ta' April 1688, sabiex jingħata s-siment fil-parti tat-triq quddiem ir-residenza tagħha minħabba li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

33.8.3 Talba mingħand Salvu Bartolo ta' 60, Triq Ta' Ġorf, sabiex jitranġaw erba' kaptelli miksurin fi Triq Għajn Ħosna. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

33.8.4 Talba mingħand Daniel Cordina ta' N.B., Triq Għajn Qamar, sabiex titranġa r-rampa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

33.8.5 Talba mingħand Daphne Caruana Sant, uffiċjal ta' *Heritage Malta*, sabiex issir *loading/unloading bay* biswit l-entratura tal-Ġgantija fi Triq Imqades. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba minħabba l-problema eżistenti ta' nuqqas ta' parkeġġ għar-residenti f'din it-triq. Is-Sindku Joe Cordina propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sinjura Caruana Sant sabiex tindika sit alternattiv fejn jista' jsir dan is-sinjal.

33.8.6 Talba mingħand Domenic Sultana ta' 40A, Triq Jannar, sabiex il-parti tat-triq quddiem ir-residenza tiegħu titranġa bis-siment minħabba li qed iżomm ħafna ilma hemmhekk. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

33.8.7 Talba mingħand Simon Brincat ta' N.B., Triq Liberat Grech, sabiex titranġa l-bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

33.8.8 Talba mingħand il-Kunsillier Dr. Christian Zammit sabiex il-Kunsill jagħmel aktar promozzjoni favur ir-riċiklaġġ u s-separazzjoni tal-iskart fil-lokalita' tagħna. Il-Kunsill qabel li tali avviżi għandhom isiru kull darba li noħorġu avviżi lir-residenti permezz tal-flyer 'Mix-Xagħra B'Interess Għalik'.

33.8.9 Talba mingħand il-Kunsillier Dr. Christian Zammit għan-nom ta' diversi residenti sabiex il-Kunsill iżid is-servizzi li joffri mil-librerija pubblika 'Patri Ġiġi Camilleri'. Wara diskussjoni, is-Sindku Joe Cordina propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-*Assistant Principal* Josephine Sultana sabiex tkun preżenti aktar fil-librerija fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa ħalli ssegwi l-andament tax-xogħol f'dan il-post amministrat mill-Kunsill.

33.8.10 Talba mingħand il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar sabiex tiġi indirizzata b'mod immedjat is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' indafa fi Triq Ġużeppi Grech. Is-Sindku Joe Cordina wieġeb li min-naħa tagħna għamilna rapport lill-Pulizija sabiex tkun tista' tissorvelja dak li qed jiġri. Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar qal li jħossu sorpriż u fl-istess waqt diżgustat li għadu ma sar xejn min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti rigward dan l-ilment. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna nitolbu laqgħa mas-Supretindent Antonello Grech sabiex niddiskutu din il-materja u materji oħra ta' importanza għal-lokalita' tagħna.

33.8.11 Talba mingħand il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar sabiex jiġu installati b'mod immedjat ic-*CCTV cameras* fi Triq it-Tafla u Triq Għajn Damma. Is-Sindku wieġeb li qed nistennew il-permessi neċessarji biex dan ix-xogħol ikun jista' jsir. Dan jinkludi fost l-oħrajn il-permess tat-*trenching* sabiex ikunu jistgħu jitgħaddew il-*wires* tat-*telefon* għall-*modem* fi Triq Knisja.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius irtira mil-laqgħa fis-6.40pm.

**33.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

33.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta lill-membri tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom.

Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar għamel riferenza għal e-mail li bagħat għan-nom tiegħu u tal-Kunsillier Anthony Attard b'riferenza għall-*format* tal-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku Joe Cordina qal li hu ma jaqbilx ma' dak li qed jgħidu l-Kunsilliera Dr. Kevin Cutajar u Anthony Attard. Huwa sostna li l-*format* li qed jintuża huwa dak mibgħut lilna mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u għaldaqstant ser jibqa' jintuża dan. Is-Sindku qal ukoll li s-sistema li qed tiġi adottata hija bil-wisq aħjar mis-sistema li kienet tintuża meta l-Kunsillier Anthony Attard kien Sindku tax-Xagħra u għaldaqstant ma jħossx li għandna nibdlu l-mod ta' kif qed jiġu approvati l-pagamenti.

Peress li ma kienx hemm qbil dwar din l-iskeda ta' pagamenti, ittieħed vot li kien ta' tnejn favur (Sindku Joe Cordina u l-Kunsillier Dr. Christian Zammit) u tnejn kontra (il-Kunsilliera Dr. Kevin Cutajar u Anthony Attard). Peress li ma kienx hemm maġġoranza favur jew kontra, is-Sindku Joe Cordina uża l-*casting vote* tiegħu u ivvota favur. B'hekk, l-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata.

**33.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

33.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2018 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **Joe Cordina** | **Ivan Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |